



25 ta' Ottubru 2016

## **Studju ġdid juri li l-proprjetà intellettuali hija tajba għall-ekonomija Ewropea**

**Studju ta' segwitu konġunt tal-EPO -EUIPO jikkonferma l-benefiċċji ekonomiċi għall-Ewropa ta' privattivi, trade marks, disinni u forom oħrajn ta' IP.**

**Munich/Alicante, 25 ta' Ottubru 2016** -- L-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (EPO) u l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) illum ippubblikaw it-tieni studju tagħhom madwar l-UE dwar l-impatt tad-Drittijiet ta' Proprietà Intellettuali (IPR) fuq l-ekonomija Ewropea f'termini tal-PDG, l-impjiegi, il-pagi u l-kummerċ.

L-istudju jsib li aktar minn 42 % tal-attività ekonomika totali fl-UE (madwar EUR 5.7 triljun fis-sena) hija ġenerata mill-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR, u madwar 38 % tal-impjiegi kollha fl-UE (82 miljun impjieg) ġejjin minn industriji bħal dawn li għandhom użu tad-drittijiet tal-IP ogħla mill-medja. Ir-rapport isib ukoll li l-pagi medji fl-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR huma aktar minn 46 % ogħla minn industriji oħrajn.

Dawn l-industriji jidhru wkoll li wrew aktar reżiljenza quddiem il-kriżi ekonomika: Paragun tar-riżultati ta' dan l-istudju (li jkopri l-perjodu 2011-2013) ma' dawk tal-edizzjoni preċedenti (li jkopru l-2008-2010) juri li l-kontribuzzjoni ta' dawn l-industriji għall-ekonomija tal-UE żdiedet bi ftit.

Il-President tal-EPO Benoît Battistelli qal: "It-tieni rapport konġunt tagħna jikkonferma l-benefiċċji tal-privattivi u IPRs oħrajn għall-ekonomija Ewropea. Illum, assi intanġibbli huma dejjem aktar importanti għall-kumpaniji innovattivi, speċjalment għall-SMEs, iżda wkoll għaċ-ċentri ta' riċerka u l-universitajiet. Għal darb'oħra naraw li dan għandu impatt pożittiv fuq l-impjiegi, it-tkabbir u l-prosperità. Iżda biex tibqa' kompetittiva fl-ekonomija globali, l-Ewropa jeħtieġ li tneġġeġ aktar l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġija ġdida u innovazzjonijiet."

António Campinos, id-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO qal: "In-natura li qiegħda tinbidel malajr tan-negozju fis-seklu 21 tfisser li l-ekonomija tal-UE u dik globali jibbażaw ħafna fuq id-Drittijiet ta' Proprietà Intellettuali bħat-trademarks, disinni, privattivi u drittijiet oħrajn. Ir-rapport attwali juri li din id-dipendenza qiegħda tkompli tikber u li dawn id-drittijiet spiss jintużaw b'mod interdipendenti. Dan joħloq l-isfida li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-IP jkunu aktar aċċessibbli għan-negozji kollha, inklużi l-SMEs, u jkunu protetti b'mod effettiv kontra l-ksur, sabiex jgħinu lill-UE żżomm il-qawwiet innovattivi tagħha u tinfluwenza aktar l-impjiegi u t-tkabbir".



25 ta' Ottubru 2016

L-istudju jkopri firxa wiesgħa ta' drittijiet tal-IP - privattivi, trademarks, disinni, drittijiet tal-awtur, indikazzjonijiet ġeografiċi (IG) u drittijiet fuq varjetajiet ta' pjanti - jidentifika l-industriji li jużawhom relattivament b'mod intensiv, u jikkwantifika l-kontribuzzjoni ta' dawn l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR għal varjetà ta' indikaturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-prodott domestiku gross (PDG), l-impjeggi, il-pagi u l-kummerċ estern, fil-livell tal-UE. Dan juża metodoloġija simili għall-istudju EPO -EUIPO preċedenti ppubblikat fl-2013 u studji komparabbli mwettqa fl-Istati Uniti.

### **L-industrija tal-UE b'saħħitha fit-teknoloġiji ekoloġiċi**

Skont ir-rapport, l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IP jikkostitwixxu madwar 90 % tal-kummerċ tal-UE mal-bqija tad-dinja. L-istudju jsib li l-UE hija partikolarment b'saħħitha fit-Teknoloġiji ta' Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima (Climate Change Mitigation Technologies) (CCMTs), b'dan is-settur jimpjega 1.2 % tal-forza tax-xogħol tal-UE, iżda jiġġenera 2.1 % tar-riżultat ekonomiku u proporzjon sinifikanti tal-bilanċ pożittiv tal-kummerċ bejn l-UE u l-bqija tad-dinja.

### **Industriji li jagħmlu użu intensiv mid-disinn huma fattur importanti tal-kummerċ**

In-negozji Ewropej jisbqu wkoll fid-disinn. L-industriji li jagħmlu użu intensiv mid-disinn ikkontribwixxew aktar minn EUR 243 biljun għall-bilanċ kummerċjali estern fl-2013. Il-kumpaniji li jagħmlu użu intensiv mid-disinn jiġġeneraw 18 % tal-PDG tal-UE, u ħolqu 38.7 miljun impjieg.

Skont ir-rapport, madwar nofs l-industriji kollha tal-UE jagħmlu użu intensiv mill-IP, bl-inġinerija, il-proprjetà immobbli, l-attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni, il-manifattura ta' vetturi bil-mutur, il-kompjuters u l-farmaċewtiċi fost l-aqwa 20 industrija li jagħmlu użu intensiv mill-IPR fl-Ewropa.

Studju simili ppubblikat f'Settembru 2016 mill-Uffiċċju tal-Privattivi u t-Trademark tal-Istati Uniti rriżulta f'sejbiet kumparabbli għall-ekonomija tal-Istati Uniti. Is-sehem tal-impjeggi u l-PDG fl-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR huwa kemxejn ogħla fl-Ewropa milli fl-Istati Uniti. L-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR ukoll jikkontribwixxu bis-sħiħ fil-kummerċ estern tal-Istati Uniti, iżda fi proporzjonijiet kemxejn aktar baxxi milli fl-Ewropa. Iż-żewġ studji jsibu l-istess primjum tal-paga ta' 46 % għall-ħaddiema fl-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-IPR.

### **Informazzjoni ulterjuri:**

- Studju fuq is-sit web tal-EPO
- [Studju fuq is-sit web tal- EUIPO](#)



25 ta' Ottubru 2016

- #IPvalue

**Kuntatti għall-istampa:**

EPO  
Rainer Osterwalder  
Tel. +49 (0)89 2399 1820  
[rosterwalder@epo.org](mailto:rosterwalder@epo.org)

EUIPO  
Laura CASADO  
Tel: +34 965 13 8934  
[Laura.CASADO@euipo.europa.eu](mailto:Laura.CASADO@euipo.europa.eu)

Claire CASTEL  
Tel: +34 965 13 9735  
[Claire.CASTEL@euipo.europa.eu](mailto:Claire.CASTEL@euipo.europa.eu)